Mużika Sagra fil-Festa tal-Lunzjata

# Is-Surmast Dott. Paolo Nani

*Alfred Camilleri*

***Nota Editorjali:*** *Fil-ħarġa tal-programm tas-sena l-oħra, il-Baritonu Alfred Camilleri beda jagħtina tagħrif dwar kompożituri Maltin li fil-ġranet tal-festa titulari ta' Marija Annunazjata għandna x-xorti nisimgħu l-mużika tagħhom fil-Knisja Parrokkjali. Din is-sena se jkompli b'din ir-rubrika u se jikteb dwar is-Surmast Dr. Paolo Nani (1814-1904).*



Is-Surmast Paolo Nani twieled il-Belt Valletta nhar it-18 ta' Novembru 1814. Mexa fuq il-passi ta' missieru, l-avukat Giuseppe, u ħa l-lawrija ta' duttur tal-liġi ċivili mill-Università ta' Malta f'Diċembru 1832. Iżda Paolo kellu ġibda qawwija lejn il-mużika, tant li meta kien għadu żagħżugħ, beda jistudja din l-arti ma' Giuseppe Burlon u Emmanuele Muscat.

F'Lulju 1833 telaq għalkollox il-liġi u rħielha lejn Napli biex ikompli l-istudji mużikali li kien beda f'Malta. Jidher li din kienet karatteristika komuni tal-kompożituri Maltin tas-seklu 19 għax numru konsiderevoli minnhom telgħu jipperfezzjonaw fl-aqwa konservatorji Naplitani ta' dak iż-żmien u ma' kompożituri li kienu qed jagħmlu isem fl-opra. Fil-fatt Paolo Nani studja ma' Antonio Zingarelli, Gaetano Donizetti, Giovanni Furno u Francesco Ruggi ġewwa l-konservatorju S. Pietro a Majella.

Fis-sena 1834 Paolo żżewweġ lil Maddalena Cuschieri. Reġa' lura Malta f'Awwissu 1838 u minn dak iż-żmien bdiet il-karriera brillanti tiegħu li minnha għadna ngawdu sal-lum. Waqqaf il-'cappella' mużikali tiegħu u l-ewwel festa li ħa f'idejh kienet dik tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Ftit żmien wara huwa ġie msejjaħ biex ikun il-'maestro di cappella' fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt Valletta wkoll. Bil-kompożizzjoni 'Sancte Paule' fl-1840 Paolo beda juri tassew x'isarraf.

Kienu żminijiet meta l-kompożitur Malti xtaq jikkomponi l-opri iżda ftit li xejn kien isib inkoraġġiment mill-impresarji minħabba li dawn tal-aħħar ftit li xejn kienu mħajra jtellgħuhom fit-Teatru Manoel u fit-Teatru Rjal. Fil-fatt f'dawn iż-żminijiet naraw li ġew komposti diversi opri (e.ż. Giuseppe Malfiggiani: I DUE DOTTORI – 1848; Anton Nani: ZORILLA – 1874, I CAVALIERI DI MALTA – 1880; Vincenzo Bugeja: LODOISKA – 1832; Paolino Vassallo: AMOR FATAL – 1898). Dottor Paolo nnifsu kkompona l-opra LA MEZZA NOTTE fl-1844. Għaldaqstant, il-kompożitur Malti beda jħoss li mhux milqugħ fil-qasam tal-opra ġewwa artu. Il-knejjes parrokkjali kienu l-uniku mezz li kien fadal biex il-kompożitur Malti juri t-talenti tiegħu bħala riżultat tal-ingaġġ tiegħu bħala 'maestro di cappella'. Kien propju f'dan iż-żmien li l-kompożitur Malti kien jikkomponi sinfoniji għall-orkestri fil-knejjes bil-ħsieb li dawn jindaqqu qabel il-funzjonijiet ewlenin tal-festa. Kien żmien meta l-knisja kienet isservi ta' teatru għal dawk li



ma setgħux iħallsu biex jaraw opra f'teatru. Għalhekk il-kompożitur issa kien sab il-post xieraq biex mhux biss jaqta' l-għatx tiegħu imma wkoll dak tal-popolin għall-mużika teatrali. Din tas-sinfoniji profani li semmejt aktar 'il fuq kellha ssib oppożizzjoni kbira mill-awtortitajiet tal-Knisja fis-seklu ta' wara.

Paolo Nani beda jikteb mużika tal-widna u qawwija li dlonk issaħħrek għax minn melodija tidħol għal oħra bħallikieku f'ħolma. Issa l-istrumenti tar-ram bdew jingħataw aktar importanza fil-kompożizzjoni tal-mużika sagra. Ħafna xogħlijiet sagri bdew ukoll jittrasformaw ruħhom fi bċejjeċ operistiċi. Tajjeb ngħidu li bid-dħul fix-xena ta' Paolo Nani, il-Cappella tas-Surmastrijiet Bugeja kienet sabet rival li kien lest jikkompetilha sewwa tant li ġara li nofs il-knejjes parrokkjali daru għall-Cappella Nani. In-nies li kienu jiffrekwentaw dawn il-knejjes donnhom li ma riedu jisimgħu bl-ebda mużika oħra tant li kompożituri oħra bħal Giuseppe Spiteri Fremond, Saverio Pizzuto u Emmanuele Bartoli ma kienx fadlilhom aktar skop għalfejn jiktbu.

Bejn l-1841 u l-1887, Paolo Nani kien direttur u kunċertatur, l-ewwel fit-Teatru Manoel u aktar tard fit-Teatru Rjal. Wisq probabbli kien minn dawn iż-żewġ postijiet li huwa beda jixrob l-influwenzi operistiċi fil-kompożizzjonijiet tiegħu. Ġieħ mistħoqq għall-kontribut tiegħu fil-qasam mużikali wasal fl-1878 meta r-'Reale Associazione dei Benemerenti Italiani' ta' Palermo tatu diploma u midalja tad-deheb. Sena wara, fl-1879, l-'Accademia Filarmonica di Bologna' ħatritu membru onorarju. Jingħad li kien Dr. Paolo Nani li kien ħa l-inizjattiva li titwaqqaf il-Filarmonika Nazzjonali 'La Valette'.

B'kollox Dr. Paolo Nani għandu mal-250 kompożizzjoni u fost dawn insibu li 11 minnhom biss mhumiex sagri. Huwa jibqa' msemmi l-aktar għall-kompożizzjoni tal-antifoni. L-aktar magħrufa huma 'Sancte Paule' (1840), 'Flos Carmeli' (1861), 'Spiritus Sanctus' (1875), 'Beata Mater' (1881), 'Ego Sum' (1875), 'Gloriosae Virginis Mariae' (1868), 'Gabriel Angelus' (1886) li oriġinarjament kienet 'Querite Primum' u 'Beati Juliani' (1893). Tajjeb ngħid li barra l-'Gabriel Angelus', 'Spiritus Sanctus' hija wkoll antifona għall-festa tal-Annunzjata u sal-lum it-tnejn li huma jindaqqu fil-festa tal-Lunzjata fil-parroċċa ta' Ħal Balzan.



*Il-Firma ta' Paolo Nani*

Dr. Paolo Nani miet nhar it-22 ta' Marzu 1904. Fil-'Malta Letteraria' ta' Ġunju 1904, Ġużè Muscat Azzopardi kiteb hekk dwaru:

*"Min ma jafx personalment lil Dr. Paolo Nani, ma jistax jifhem il-ġenju kbir tiegħu għall-mużika ; kien ħelu, ċajtier, edukat, għaref u ta' qalb tajba; biżżejjed jisma' b'għawġ f'xi familja mqar bla ma jafha, f'waqt, kienet tgħib minn fommu u minn għajnejh dik it-tbissima li turi s-safa ta' qalbu u wiċċu kien jisserja. Din hi r-ruħ nisranija u l-ġenju mużikali li wiret mingħand nislu. Kieku s-Surmast Nani flok saddad f'din in-nitfa ta' gżira u flok il-mużika sagra ta ruħu għall-opra semiserja bħad-Don Pasquale, il-Barbier eċċ....ma kienx żgur jagħmel għajb lil Rossini, li bħal Nani, waqt li qalbu kienet tħoss għall-inqas nuqqas, kien jaf jiċċajta u biċ-ċajt tiegħu kien iġiegħlek tidħak bid-dmugħ. Ma rridx insemmi s-'Sancte Paule', il-'Flos Carmeli', 'is-'Salve Regina', li fihom tagħraf il-ħsus kollha ta' qalb l-awtur waqt li qiegħed jitkellem ma' Alla jew mal-Madonna b'noti ħerġin minn qalb tarja u edukata u li taf tifraħ u titnikket f'ħinu u f'waqtu; le, jien irrid nalludi għas-salmi tiegħu fejn jidħol il-ferħ, il-mużika timxi bl-istil ferrieħi Rossinjan u fin-niket jitbiddel f'Bellinjan."*

Ta' Dr. Paolo Nani, fil-festa tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien, kull sena nisimgħu l-innu AVE MARIS STELLA hekk kif it-tranżlazzjoni bir-relikwija, lejlet il-festa, tidħol fil-Knisja Parrokkjali. Hija kompożizzjoni sabiħa immens għall-kor, tenur u baxx solisti, b'lirika mill-aqwa li sabet kompożitur bħal Paolo Nani li żewwaqha b'mużika eċċezzjonali!


# Privat

Għat-tfal tal-Primarja
fl-Ingliż, Malti u Matematika

Għaż-żgħażagħ tas-Sekondarja
Form 1,2,3 u fil-Matematika

Post: 100, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien

Tel: 2143 6090 9731 7436

*Ikun hemm lezzjonijiet
anke fix-xhur tas-sajf*

# Soap+

*Detergent Shop and more...*

Free delivery over €35

Monday to Friday 8am till 7pm
Saturday 8am till 3pm

51, Luqa Road, Poala

Tel: 2763 1027

Mob:7966 2007